# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 531/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Saviour Cassar**

iben Joseph, imwieled Rabat, Gozo, fit-3 ta' Gunju, 1950, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 51850(G)

Illum, 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Saviour Cassar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fis-16 ta' Ottubru, 2012 kif ukoll fit-12 ta' Dicembru, 2012 fic-Cirkewwa, limiti tal-Mellieha u f'dawn il-Gzejjer, bhala sid u/jew il-persuna responsabbli minn vettura tal-marka TOYOTA DYNA, b'chassis numru BU2020100057:

1. uza jew gieghel jew halla lill-persuni ohra, cioe' lil Saviour Camilleri u lil Joseph Pace juzaw l-imsemmija vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba ghal uzu tal-vettura minnu jew minn dawk l-imsemmija persuni l-ohra, skont il-kaz, ma kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
2. kellu fit-triq l-imsemmija vettura meta ppermetta lil Saviour Camilleri u lil Jospeh Pace jaghmlu uzu minn l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata ma l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq;

3. kien fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabbilita tieghu l-imsemmija vettura meta ma kientx giet registrata ma' l-Awtorita ghat-trasport f'Malta;

4. ghamel jew ippermetta l-uzu ta' l-imsemmija vettura minghajr pjanci tan-numri ta' registrazzjoni;

5. bhala l-persuna li f'ismimha hija registrata pjanca 'Trial Run TR187' ghamel jew ippermetta l-uzu ta' l-imsemmija pjanca u kiser il-kondizzjonijiet li hemm imposta fl-uzu ta' 'Trial Run';

6. sar komplici f'delitt meta sahhet il-volonta' tieghu sabiex Saviour Camilleri u Joseph Pace jaghmlu uzu minn l-imsemmija vettura bil-mutur meta ma kelliex licenzja mahruga minn l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 42(e) tal-Kap. 9, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikoli 3, 13(1), 32(7) u 36 tal-L.S. 368.02, ikkundannatu ghal multa ta' €2,500 u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Saviour Cassar ipprezentat fit-28 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha *tirrevoka* s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor F. Depasquale LL.D tad-19 ta' Novembru, 2013 in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih u ikkundannatu ghal multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena u konsegwentament *tilliberah* minn kull piena u htija skont il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi dwar l-uzu ta' pjanci 'Trial Run' u interpretazzjoni hazina tal-fatti.

2. Illi huwa fatt mhux kontestat illi fid-dati ta' l-akkuzi in kwistjoni, il-vettura in kwistjoni kellha fuqha pjanci Trial Run TR187.

3. Illi huwa risaput illi mal-harga ta' dina it-*trial plate*, kull vettura fil-kustodja tal-licencee hija koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida. L-importanza hija li verament tezisti din il-plate u li hija registrata f'isem persuna kompetenti. Illi dan il-fatt li l-pjanca Trial Run TR187 kienet tezisti giet konfermata minn Stephen Cachia, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji u f'dan ir-rigward, l-esponenti pprezenta zewg (2) dokumenti *animo ritirandi*. Illi apparti minn hekk, kif gja accennat, fir-rigward ta' l-istess Trial Run plate, l-esponenti prezenta ukoll il-polza ta' assigurazzjoni relattiva li jkopri l-perjodu indikati fl-akkuza.

4. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. R. Vella) vs. Anthony Tanti** deciza mil-Mag. Dr. C. Peralta fis-17 ta' Jannar, 2013, din l-Onorabbli Qorti qalet illi *'L-ezistenza ta' tali plate (Trial Run) tassigura li kull vettura li qieghdha f'idejn dik il-persuna hekk awtorizzata, ser tkun koperta minn dik il-plate affinche din tigi regolarment irregistrata u licenzjata.'*

5. Illi stabblit li kien hemm pjanca Trial Run valida u l-imputat illum appellant ipprezenta dokument fir-rigward ta' l-assikurazzjoni dwar l-istess, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa) vs. Sammy (Saviour) Gatt** deciza mil-Mag. Dr. M. Farrugia datata 22

ta’ Gunju, 2011, l-Onorabbli Qorti dikjarat li gja la darba il-vettura in kwistjoni kellha abbinat maghha pjanca Trial Run u li f’dan ir-rigward gie ipprezentat ukoll certifikat ta’ polza ta’ assikurazzjoni, l-akkuza ta’ nuqqas ta’ polza tas-sigurta ma gietx ippruvata.

6. Illi bid-dovut rispett, gja la darba li l-imputat quddiem l-Ewwel Qorti, ipprezenta dokument ossia polza ta’ assigurazzjoni mahruga mill-Atlas Insurance Agency Ltd., dwar liema l-istess prosekuzzjoni ezentat lid-difiza milli ttella’ rapprezenant ta’ l-Atlas Insurance Agency jikkonfermaw tali dokument, ma ngabet l-ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni li din il-kopertura li *prima facie* tezisti giet disdetta mill-kumpannija assikuratrici ghaliex inkisrest wahda mill-kundizzjonijiet tal-polza. Illi ghaldaqstant, l-imputat, illum appellant qatt ma setgha jinstab hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih.

7. Illi minghajr preguddizju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa zzejjed meta wehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-fedina penali ta’ l-appellant, li tista tghid huwa *first time offender*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-uniku aggravju mressaq mill-appellant hu l-fatt li l-vettura hawn fuq imsemmija kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida. Fil-fatt, l-appellant, a folio 17 u 18 ta' dan il-process ezebixxa l-polza in kwistjoni. Tali polza kienet valida ghal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Dicembru, 2012.

Illi z-zewg dati tal-akkuza huma s-16 ta' Ottubru, 2012 u it-12 ta' Dicembru, 2012. Ghalhekk, ma hemm ebda dubju li l-polza in kwistjoni hi wahda valida.

Illi l-problema jqum meta wiehed ihares lejn il-polza. Jigi rilevat li l-vettura in kwistjoni giet imwaqqfa ghaliex kienet qed igorr xi merkanzija minn Malta ghal Ghawdex. Ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-polza in kwistjoni tkopri l-fatt tal-garr tal-merkanzija.

Illi jekk wiehed jaqra il-"limitations as to use" misjuba fil-polza jsib li wahda mill-eskluzjonijiet hi il-"carriage of goods". Il-vettura in kwistjoni kienet qed igorr il-merkanzija u ghalhekk hu evidenti li ma kinitx koperta b'polza valida ta' assikurazzjoni.

Din il-Qorti taqbel perfettament mas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u il-piena nflitta hi wahda fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Saviour Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata.